# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 175/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jesmond Cassar**

Illum l-ewwel (1) ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jesmond Cassar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 509274(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Jannar 2016 għall-ħabta tas-19.00hrs u ħinijiet qabel waqt li kien fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-Gżejjer:

1. kellu fil-pussess tiegħu d-droga Herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli 1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru 2021 fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva u lliberatu minn dan l-addebitu, wara li rat Artikoli 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Taqsimiet 4 u 6, Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti 4 u 9 tal-Avviż Legali 292 tas-sena 1939, sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija. *In oltre* b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' mija u tmenin Euro u sbatax il-ċenteżmu (€180.17) rappreżentanti spejjeż

inkorsi mal-ħatra ta' esperti. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha elevati mill-pussess ta' l-imputat u eżebiti mill-espert Dr. Godwin Sammut fl-atti tal-Inkjesta, dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti li għandu jirrediġi Process Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"(i) tvarja s-sentenza appellata tat-30 ta' Settembru 2021 u filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux ħati tal-addebitu tar-reċidiva, tilliberah mill-ewwel imputazzjoni u konsegwentement minn kull ħtija jew piena; (ii) sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena nflitta ta' sitt xhur priġunerija għal waħda anqas għar-raġunijiet kollha hawn fuq indikati hekk kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun. L-appellant jirriserva d-dritt minn issa li jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel rakkomandazzjoni u talba lill-President tar-Repubblika ta' Malta skont l-Artikolu 494 tal-Kodiċi Kriminali."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-22 ta' Jannar 2016 instab *foil* maħruq, *pipe* magħmul minn *foil* maħruq u *pipe* minn karta f'ċella numru 193 f'diviżjoni 5 ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Is-sejba saret minn uffiċjali tal-Facilita Korrettiva wara li l-appellant kien irritorna lura hemm u nstabet waqt li l-appellant kien preżenti. Huwa kien inġieb mit-Taqsima Forensika tal-iSptar Monte Carmeli dak in-nhar stess. Jirriżulta li ċ-ċella tal-priġunier tingħalaq sakemm jintbagħat lura. Mill-Proċess Verbal (*a fol.* 24 *et seq.*) redatt mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli rriżulta li s-sustanza kienet eroina.

Illi mill-provi prodotti huwa ċar li t-tfittxija saret minn numru ta' persuni u, skont CO 1 Christopher Azzopardi (*a fol.* 50 *et seq.*) kienu sabu xi *foil* irrumblati f'forma ta' sigarett. Huwa qal li dawn instabu fuq xkaffa ġoċ-ċella in kwistjoni u li din kienet viżibbli. Jirriżulta li meta daħlu fiċ-ċella kien qed joqgħod fiha l-appellant u li ma jkunx hemm nies oħra fiċ-ċella minħabba li f'diviżjoni 5 kulħadd ikun waħdu. L-affarijiet li nstabu ntefgħu f'*evidence bag*.

Illi waqt id-depożizzjoni mogħtija minn PS 285 Geoffrey Cutajar huwa eżebixxa rapport redatt minnu (Dok. "GC 1" – *a fol.* 71 *et seq.*) waqt li Lieutenant Helenio Galea eżebixxa dokument bil-movimenti kollha tal-appellant, liema dokument ġie mmarkat bħala Dok. "HG 1" (*a fol.* 84 *et seq.*).

Illi jirriżulta li fit-22 ta' Jannar 2016 l-appellant kien fit-Taqsima Forensika tal-iSptar Monti Carmeli u fl-istess jum kien trasferit għal ċella 193 f'diviżjoni 5 u li wara l-akkadut huwa kien trasferit għal diviżjoni 6. Qabel ma ttieħed fit-Taqsima Forensika ta' Monte Carmeli huwa kien f'din l-istess ċella u ċioè dik bin-numru 193. Meta mar Monte Carmeli ċ-ċella ngħalqet u żdied katnazz ieħor – id-*double lock*. Ingħad li ċ-ċella ma tinfetaħ għall-ebda raġuni sakemm jerġa' jiġi lura l-priġunier b'dan illi l-persuni tad-diviżjoni ma jkollhomx iċ-ċavetta ta' dak il-katnazz *extra*. Ingħad ukoll li huwa l-individwu li jrid jieħu ħsieb it-tindif taċ-ċella. Il-Lieutenant eżebixxa wkoll dokument dwar l-okkorrenzi tat-22 ta'

Jannar 2016. L-appellant kien ittieħed minn Monte Carmeli għall-ħabta tat-3.00pm u kien trasferit lejn ċella 15 f'diviżjoni sitta għall-ħabta tat-7.55pm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma kellux issibu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni għaliex il-provi kienu ċirkostanzjali u ma kienux univoċi. Jgħid li ebda waħda mill-provi ma kienet diretta u li kien hemm biss il-*foil* misjuba fiċ-ċella wara li kien inġieb mit-Taqsima Forensika ta' Monte Carmeli. Jgħid li l-*foil* kienet viżibbli u waqt it-tfittxija hu ma kienx reattiv. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova dwar min jikkontrolla l-aċċess għaċ-ċella u dwar min jidħol inaddafha. Ħadd mill-Pulizija ma kien f'qagħda jgħid jekk dik il-biċċa *foil* kinitx hemm qabel dakinhar. Huwa jagħmel riferenza għal ġurisprudenza dwar in-natura tal-prova indizzjarja u dwar li l-prova miġjuba mill-Prosekuzzjoni trid tmur lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-

Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq evidenza ċirkostanzjali. Dwar dan din il-Qorti tinnota li f'dan il-każ kien hemm evidenza diretta għaliex kien hemm erba' persuni jieħdu sehem fit-tfittxija u dan fil-preżenza tal-appellant stess. Jirriżulta mix-xiehda tal-espert forensiku li dak li nstab kien pożittiv għall-eroina. Mill-provi jirriżulta wkoll li fiż-żmien li l-appellant kien Monte Carmeli ċ-ċella tiegħu kienet magħluqa b'*double lock* u li ħadd ma jidħol fiha. Fuq kollox huwa l-priġunier stess li huwa responsabbli għall-indafa fiċ-ċella u għall-ħwejjeġ li jkun hemm fiha. Barra minn hekk, jekk joħroġ miċ-ċella, il-priġunier ikun jista' jara min dieħel ġoċ-ċella.

Illi fl-appell tiegħu l-appellant jirreferi għall-possibilitajiet biss. Din il-Qorti tinnota li dawn il-possibilitajiet lanqas jirriżultaw mill-provi li anzi juru mod ieħor. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li l-Prosekuzzjoni mhijiex tenuta li tipprova n-negattiv. F'dan il-każ il-provi kollha jindikaw li ħadd ma daħal fiċ-ċella li kienet assenjata lill-appellant – la meta kien Monte Carmeli u lanqas meta ġie lura.

Illi din il-Qorti tikkonsidra li s-sejbien ta' ħtija tal-ewwel (1) imputazzjoni mill-Ewwel Qorti huwa sorrett mill-provi prodotti quddiemha. Il-fatt li dak li kellu x'jaqsam mal-eroina kien viżibbli bl-ebda mod ma jnaqqas mill-validita' tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni. Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jissottometti li l-piena ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u

dak riformattiv. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u jagħmel riferenza wkoll għal Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għal dak li jgħid Artikolu 31(1)(f) tal-istess Kapitolu msemmi iżda jissottometti li mhux qed jgħid li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti mhijiex fil-parametri tal-liġi iżda li f'kull każ kellha tingħata piena ta' anqas minn tliet xhur priġunerija.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti qieset kemm Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta wkoll li meta l-Ewwel Qorti kkalibrat il-piena, hija żiedet il-piena bi grad. Il-kliem użat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha u ċioè li *"hija tal-fehma li għandha timponi l-piena ta' priġunerija miżjuda bi grad"* (*a fol.* 126) juri li l-Ewwel Qorti għażlet il-piena ta' priġunerija u mhux tal-multa. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ma tara ebda raġuni valida għala għandha tapplika Artikolu 494 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif imsemmi fir-Rikors tal-appell tal-appellant u dana ġialadarba r-reat seħħ fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u l-fedina penali tal-appellant hi dik li hi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Jesmond Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |